# Laqmijiet Gudjani

## (1960-1965)

**kitba ta' Loreto J. Dalli magħruf bħala n-Noni (Taċ-Ċaqbumm)**



Jien ġbart dawn il-laqmijiet tar-raħal tagħna a bażi tal-memorja tiegħi u bl-għajnuna ta' Giovanna Dalli née Farrugia tal-Lorbu, Ġużi Bellia tan-Naxxari u Ġużeppi Farrugia arkivista.

Jien mort lura għas-snin 1960 - 1965 bejn wieħed u ieħor. Jista' jkun li apparti dawn il-laqmijiet imniżżla hawn hekk, hemm oħrajn li jien ma nafx bihom. Għaldaqstant din is-sena se jkollna żieda ta' 64 laqam ieħor fuq dawk tas-sena 2009 qiegħed nitlob l-għajnuna ta' kull Gudjan biex jgħin fil-ġbir tal-laqmijiet li kien hemm f'dan iż-żmien fil-Gudja. Wara kollox dan huwa patrimonju tagħna u m'għandniex inħalluh jispiċċa.

Hemm każi fejn il-laqmijiet, minħabba n-natura tal-kitba kif titlob l-etika u l-prudenza lejn l-individwi mhux se jissemmew għalkemm dawn huma l-ftit u mhux il-ħafna.

Il-bniedem minn dejjem idistingwa ruħu minn wieħed għall-ieħor jew b'isem, jew b'kunjom jew inkella bis-sengħa li kien jaħdem fiha. F'Malta kienet ħaġa komuni li l-identità tal-persuna kienet tintgħaraf mil-laqam tiegħu. Fil-Bibbja nsibu l-użu tal-laqam u tas-sengħa li wieħed kien jaħdem fiha u din kienet tiġi attribwitha lill-bniedem partikolari.

Hemm studju profond wara l-oriġini ta' kull laqam u minn fejn oriġina. Iżda huwa fattur importanti li l-laqam kellu u għad għandu użu fil-ħajja ta' kuljum, tant li n-nutara kienu fil-kitbiet tagħhom jagħtu importanza lil-laqmijiet fil-kuntratti tagħhom.

Forsi kien hemm żmien jew żminijiet li l-laqmijiet kienu taboo meta jintużaw barra mir-raħal.

Daqstant ieħor kien diffiċli li fl-irħula Maltin issib bniedem li jkun magħruf b'kunjomu. Kien u għadu aktar faċli li ssib bniedem bil-laqam tiegħu milli b'kunjomu.

Il-laqam, huwa forma ta' identifikazzjoni tal-persuna, imħaddna jew użati f'ħafna rħula Maltin u hemm moviment qawwi biex dawn il-laqmijiet ma jintilfux. Il-laqmijiet huma parti oħra mill-patrimonju tagħna. Għaldaqstant aħna għandna nagħtu daqqa ta' id biex dawn il-laqmijiet jibqgħu ħajjin almenu fuq il-karta.

Tistgħu tinnutaw li t-Triq il-Kbira kienet fattur importanti biex in-nies ikunu identifikati. Aktar u aktar meta tqis li r-raħal tal-Gudja kien żgħir wisq fil-perjodu 1960-1965. Triq il-Kbira u ftit toroq oħra u sqaqien kienu r-raħal ta' tfuliti u għall-istess ħafna oħra bħali.

Biex niġbru aktar laqmijiet tar-raħal tagħna u nagħmlu sforz kollettiv bħala raħal, min għandu laqmijiet li ma jidhrux hawn taħt jista' jibgħat *e-mail* fuq loretodalli181@gmail.com ħalli jkunu miżjuda mal-lista.

Grazzi.

1. **Tal-Fiks** – Kunjom Farrugia, kien joqgħod ftit 'il ġewwa mis-Salib fi Triq il-Kbira. Kien mekkanik mal-R.A.F. (Bertu).
2. **Il-Boqli** – Kunjom Barbara, kien joqgħod fi Sqaq tal-Kappillan, kien landier.
3. **Ta' Ċappas** – Kunjom Vella, kien joqgħod fi Triq R. Caruana ħdejn il-każin Nazzjonalista. Miet fi Triq San Ġorġ b'diżgrazzja f'Jannar tal-1959.
4. **Żiqu** – Kunjom Giordimaina, kien joqgħod fi Triq R. Caruana faċċata tal-każin Nazzjonalista. Kien jismu Wiġi mir-Rabat, it-tifla tiegħu Ġuża, miżżewġa Barbara.
5. **Karmusu** – Kunjom mhux magħruf, kien joqgħod fi Triq San Ciro, kien bidwi.
6. **Tal-Qalila** – Kunjom Barbara, kienet *teacher*, kienet toqgħod fi Triq Santa Marija.
7. **Bajżott** – Kunjom Dalli, kien joqgħod fi Sqaq fi Triq Santa Katarina, kien jaħdem in-nar.
8. **Il-Bugis** – Kunjom Calleja, kien joqgħod fi Triq Santa Marija. Kienu tliet aħwa – Toni, Karlu u Karmnu. L-aħħar żewġ aħwa mietu fl-Awstralja.
9. **Ta' Ġelliedu** – Kunjom Ellul, kienu joqogħdu fi Triq il-Kbira 'l ġewwa mis-Salib.
10. **Petitu** – Kunjom Theuma, kien joqgħod fi Triq Santa Katarina bin Feliċ.
11. **Tal-Buġa'** – Kunjom Dalli ħaddiem mal-Gvern, kien jgħix fi Triq il-Ħofra (Anġlu).
12. **Ta' Qambas** – Kunjom Dalli. Missier il-Buġa, kien joqgħod fi Triq Santa Katarina.
13. **Ix-Xoqnija** – Kunjom Gatt. Kienu jgħixu fi Triq R. Caruana, quddiem l-Għassa tal-Pulizija.
14. **Ta' Manonu** – kien joqgħod fi Triq R. Caruana, quddiem l-Għassa tal-Pulizija, kellu ħanut tax-xorb (Anġlu).
15. **Tal-Abjad** – Kunjom Scicluna, kienu joqogħdu fi Triq Santa Marija. Il-familja ta' Dun Ġanmari.
16. **Manawwa** – Kunjom Dalli, u marru joqogħdu

Birżebbuġa, fi Triq il-Kbira, 'il ġewwa mis-Salib.
17. **Żaqquqi** – Kunjom Abela, Ġanni, kien idoqq il-katuba ma' Taċ-Ċintura, ħu Żeppi l-Ġidra.
18. **Perellu** – Kunjom Farrugia, kien joqgħod fir-razzett ta' Dawra ddur.
19. **Zalzettu** – Kunjom Farrugia, kien joqgħod fi Triq R. Caruana ġol-isqaq ta' ħdejn il-każin Nazzjonalista (Żeppi).
20. **L-Ingliżu** – Kunjom Muscat. Kien jgħix fi sqaq fi Triq San Mark (Salvu).
21. **Il-Barbella** – Kunjom Gatt, kien joqgħod fi Triq San Mark.
22. **Tat-Tawru** – Kunjom Theuma, kien jieħu ħsieb iċ-ċimiterju tar-raħal fis-snin 1950-1960.
23. **Ta' Pejja** – Kunjom Grixti, insibuh fit-Toroq Santa Katarina u San Mark.
24. **Tal-Bojod** – Kunjom Bonnici, insibuh fi Triq ta' Loretu jew Triq Birżebbuġa.
25. **Tal-Fieres** – Kunjom Dalli, kienu jgħixu fi Triq Santa Marija n-naħa ta' isfel.
26. **Ċamplu** – Kunjom Farrugia, kien jinstab fi Triq Santa Marija n-naħa ta' isfel.
27. **Kapusu** – Kunjom Barbara, għamel żmien jgħix ħdejn il-każin La Stella.
28. **Ħafifu** –Kunjom Muscat. Kien joqgħod fi Triq R. Caruana n-naħa tal-palazz. Huwa miet f'diżgrazzja f'Ħad-Dingli (1958), kuġin tal-awtur (Żeppi).
29. **Tal-Ħanfusu** – Kunjom Seychell, kien joqgħod Triq Santa Marija, quddiem tal-Hanija.
30. **Tal-Pis** (Ċikka) – kienet toqgħod fir-razzett fi Triq Ħal Tarxien quddiem il-post tan-nar Taċ-Ċintura.
31. **Ix-Xika** – Kunjom Spiteri, insibuh fi Triq San Ciro.
32. **Ta' Karmen** – Kunjom Farrugia, fi Triq iż-Żebbuġa, kien bennej.
33. **Tas-Safrun** – Kunjom Farrugia, insibuh fi Triq Santa Marija n-naħa ta' isfel.
34. **Ta' Saffarielu** – Kunjom Dalli, kienu jgħixu fi Triq R. Caruana n-naħa tal-palazz (Gaetan).
35. **Ta' Cini** – Kunjom Busuttil, kien landier prim (fuq *radiators*), Ommu Katarin ta' Cini (Salvu).
36. **Tal-Missis** – Kunjom Abdilla, ir-raġel tagħha kien surġent fi Triq R. Caruana.
37. **Tal-Luter** – Kunjom Barbara, kien jinstab fi sqaq fi Triq il-Kbira lejn Triq Birżebbuġa.
38. **Ta' Masiku** – Kunjom Mangion, fi Triq R. Caruana jew Triq il-Kbira.
39. **Il-Pulier** – Kunjom Barbara, kien joqgħod fi Triq il-Kbira, 'il ġewwa mis-salib, kien barbier.
40. **Ta' Bend** – Kunjom Cassar kien joqgħod f'razzett 'il barra mill-Gudja fi Triq Birżebbuġa.
41. **Ix-Xlendi** – Kunjom Dalli kien jgħix fi Triq San Ciro (Rużar).
42. **Ta' Kanna** – Kunjom Barbara, kienu jgħixu f'Triq Santa Marija, bil-ħanut tal-merċa.
43. **Tal-Oħxon** – Kunjom Mangion, kienu joqogħdu fi Triq R. Caruana, ħdejn in-niċċa tal-Madonna taċ-Ċintura ma' Triq il-Lunzjata (Gianni).
44. **Tal-Għadma** – Kienu jgħixu fi sqaq illum Triq il-Kappillan (Pietru).
45. **Tan-Nejċi** – Kunjom Attard, kienu jgħixu fi Triq Santa Marija, il-missier kien sewwieq tat-*taxi*.
46. **Il-Margas** – Kunjom Barbara, kien joqgħod ħdejn il-Pulier, fi Triq il-Kbira.
47. **Tan-Noqq** – kunjom Dalli, kien jgħix fi Triq il-Kbira ħdejn il-ħanut tal-merċa.
48. **Ix-Xoqnija** – Kunjom Muscat kienet tgħix fi Triq Santa Marija, ħdejn il-Lunzjata (Salvina).
49. **Iz-Zum Zum** – Kunjom Theuma kien joqgħod fit-tarf ta' Triq San Ġorġ (Nikola).
50. **Ix-Xuxana** – Kunjom Gatt, darha kienet fi Triq Raymond Caruana quddiem l-Għassa.
51. **Ta' Dubra** – Kienu jgħixu fi Triq id-Dejqa, kienu aħwa Ġanni u Salvu wlied l-organista fil-knisja tal-lokal.
52. **Tal-Imbaqq** – Kunjom Pace, kienu jgħixu fi Triq R. Caruana ħdejn il-Knisja ta' Santa Katarina.
53. **Il-Qaqqu** – Kunjom Dalli, kien joqgħod fl-isqaq ta' ħdejn in-niċċa tal-Madonna taċ-Ċintura. Il-missier u l-iben kienu jaħdmu n-nar għal Taċ-Ċintura.
54. **Is-Suffari** – Kunjom Dalli, kien statwarju, kellu niesu minn Raħal Ġdid u minn Birżebbuġa. Ħadem l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju tal-Gudja, u l-wiċċ tal-Madonna tad-Duttrina f'Ħal Tarxien (Anġlu).
55. **Tal-Pappagalli** – Kunjom Dalli. Kienu joqogħdu fi Triq R. Caruana, viċin il-Kappella ta' Santa Katarina.
56. **Is-Sinjura** – Kunjom Ellul, kien jgħix fi Triq San Mark fil-parti taż-Żebbuġa (Salvu).
57. **Tal-Homus** – Kunjom Farrugia, kienu jgħixu fi Triq Santa Marija, imma kien hemm ukoll membri tal-familja li kienu jgħixu fi Triq iż-Żebbuġa.
58. **Il-Peqqi** – Kunjom Muscat, kien jgħix fil-misraħ tar-raħal. Grezzju (Zezzu).
59. **Busuf** – Kunjom Farrugia, kienu jgħixu fi Triq San Ciro.
60. **Il-Haltarxenija** – Kunjom Muscat, miżżewġa għand tal-Ingliżu, kienet tgħix fil-bidu ta' Triq R. Caruana.
61. **Tal-Budun** – Kunjom Baldacchino, kienu jgħixu fil-misraħ, faċċata tal-istatwa ta' San Ġużepp.
62. **Il-Kina** – Kunjom Cutajar kienu jgħixu fi Triq San Ciro u kien suldat (Salvu).
63. **Ta' Bajdet** – Kunjom Scicluna, kienu jgħixu fl-isqaq, wara l-każin Nazzjonalista fi Triq R. Caruana.
64. **Il-Memej** – Kunjom Dalli, kien joqgħod fi sqaq f'nofs Triq Santa Katarina, wara mar joqgħod fi Triq il-Kbira 'l ġewwa mis-Salib (Loretu).